KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tal-laqgħa Numru 46 tat-tmien leġislatura, laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ħamis 3 ta' Marzu 2016, fis-1.30 ta' wara nofsinhar.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsillieri : | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| | Is-Sinjura Marija Cassar Sultana (kienet skużata) |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ: | (kienet assenti) |

Il-laqgħa bdiet fis-1.30 p.m., wara li ntqalet it-talba tal-bidu mis-Sindku.

Is-Sindku qal li din il-laqgħa ssejħet b'urġenza biex tiġi diskussa l-Applikazzjoni tal-MEPA b'Nurmu: PA 05277/96 (To develop Ta' Ċenċ area into Malta's first 'Heritage Park' and 'Multi-ownership tourist hotel development' at Ta' Ċenċ – Ta' Sannat)

Is-Segretarju Eżekuttiv qara imejl li rċieva mingħand il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana fejn qalet li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa. Kopja ta din l-imejl qed tiġi mehmuża ma dawn il-minuti.

Għal din il-laqgħa attendew l-Avukat Dr Larry Formosa u l-Perit Edward Scerri, it-tnejn b'kuntratt ta Servizz Professjonali mal-Kunsill.

Is-Sindku qal lill-Kunsill li hu qed jiġi kontinwament avviċinat mill-media biex jgħati l-kummenti tiegħu dwar din l-applikazzjoni. Hu qal li jħoss li wara li saret il-public hearing fis-sala tal-bini tal-Kunsill nhar it-Tnejn 22 ta' Frar 2016, fil-5.00 p.m. u li għal din il-laqgħa attendew diversi individwi u entitajiet, hu jħoss li l-Kunsill issa għandu jieħu deċizzjoni jekk il-Kunsill jaqbel jew le ma dan l-iżvillup u mal-first Malta's Heritage Park. Il-Kunsillier Bajada qal li hu qed jirċievi diversi kummenti mingħand ir-residenti li qed jgħidu li ma jaqblux ma

dan l-iżvilupp, apparti li dan l-iżvilupp qed jintalab li jsir f'art Outside Development Zone. Il-Kunsillieri preżenti qalu li r-residenti minn Ta' Sannat li attendew għal dan il-public hearing ma tkellmux. Is-Sindku qabel mall-Kunsillier Bajada u l-Kunsillieri preżenti u qal ukoll li residenti minn Ta' Sannat qed javviċċinawh b'erba' opinjonijiet differenti fejn qal li hemm minn jaqbel, hemm minn ma jaqbilx, hemm uħud li jaqblu biss ma parti minn din l-applikazzjoni w oħrajn li ma jintereshom xejn. Il-Perit qal li wieħed ma' jistax jitlob l-opinjoni tal-pubbliku fuq partijiet individwali u segregati tal-proġett minħabba li l-applikazzjoni ġiet applikata mal-MEPA bħala waħda ħolistika. Il-Kunsill qal li f'dan il-public hearing ma kienx hemm minn tkellem favur dan il-proġett għaliex dawk li tkellmu kienu kollha kontra. Is-Sindku qal li peress li l-Kunsill huwa l-porta voce tar-residenti Ta' Sannat, hu qed jisħaqq li jsir referendum b'mod dirett fejn jistaqsi lir-residenti Ta' Sannat b'mod demokratiku b'mistoqija sempliċi jekk jablu jew ma jaqblux ma dan il-proġett u b'hekk il-Kunsill jkun qed jissalvagwardja lil dawk ir-residenti li ma jistgħux jitkellmu. L-Avukat ta l-parir u qal li l-mistoqsija għandha tkun diretta jekk jaqblu Iva jew jekk ma jaqblux Le. Il-Kunsill talab lill-Perit preżenti biex jgħamel l-intervent tiegħu dwar din l-applikazzjoni. Il-Perit qal li sa ssa għadu ma sarx DPA report mill-MEPA. Is-Sidien tal-applikazzjoni jidher li bidlu l-pjanti wara diskussjonijiet li saru bejniethom u /jew mal-MEPA u bħala bidliet prinċipali fl-applikazzjoni hemm it-tibdil li fil-proposta tal-estensjoni tal-lukanda li minn waħda imponenti inbidlet f'estensjoni li tkompli mal-arkitettura li għandha l-lukanda tal-lum fuq sular wieħed, it-tneħħija tal-vilel ta' fuq is-sies li jħares lejn ix-Xewkija bil-limitazzjoni tal-iżvilupp lejn in-naħa tal-lemin tat-triq int u dieħel minn Triq Skerla u t-tneħħija tal-iżvilupp fuq in-naħa tax-xellug tal-istess triq, u r-riduzzjoni fin-numru ta' vilel proposti fuq ir-riħ tal-bajja ta' Mġarr ix-Xini għal 15 il-villa. Il-Kunsilliera Margaret Said staqqsiet jekk hux ser jibqa aċċess għad-dħul ta dan is-sit kif inhu llum. Il-Kunsill għadu ma jaf xejn dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat f' 2.05 p.m., fejn ġie deċis li jsir referendum.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Sannat Local Council at DLG**

---

**From:** Maria Cassar Sultana
**Sent:** 02 March 2016 22:25
**To:**
**Cc:**

**Subject:** Re: Laqgħa b'urġenza 3.3.2016 @ 1.30 p.m.

Dear Mr Curmi,

I regret to inform you that I have another meeting at the same time.

But I can share with you my opinion in writing.

What I can say is, that as a Council we made our premises available to host the public hearing of the development of Ta' Ċenc area into Malta's first 'Heritage Park' and 'Multi-ownership tourist hotel development' at Ta' Cenc – Ta' Sannat. As a council we informed all the residents through a notice posted in each residence. And as we all noticed very few residents attended the public hearing. With regards to objections, as informed by the Secretary, till today's date, no written statement or objection was received at the local council.

Thanks & Regards,

Maria Cassar Sultana

-------------------------------------------